MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tat-23 ta' Settembru, 2005

Talba Numru. 1291/2005

**Attard & Co (Industrial) Limited**

**vs**

**Island Turnkey Construction & Property Limited u Simon Zammit personalment**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-15 ta’ Gunju, 2005 fejn gie mitlub li l-konvenuti *in solidum* bejniethom ghandhom jigu kkundannati jhallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ erba’ mija u tmienja u erbghin lira Maltija u wiehed u tletin centezmu (Lm448.31) rapprezentanti bilanc ta’ prezz ta’ merkanzija mibjugha u kkonsenjata lis-socjeta` konvenuta mis-socjeta` attrici u li ghaliha l-konvenut Simon Zammit obbliga ruhu personalment li jhallas dan l-ammont *in solidum* mas-socjeta` konvenuta.

Bl-ispejjez u bl-interessi mid-data tal-fattura kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta’ Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat ai termini ta’ l-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u ta’ l-Artikoli 698 (2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenuti gew regolarment notifikati, naqsu milli jidhru meta gew ipprezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet tas-socjeta` attrici u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta’ erba’ mija u tmienja u erbghin lira Maltija u wiehed u tletin centezmu (Lm448.31), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata ta' l-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjez ta’ din l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti *in solidum* skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------